MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Numru. 187/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**JOSEF MIZZI**

**(ID: 24375M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEF MIZZI,** detentur tal-karta tal-identita' numru 24375(M) gie mressaq quddiemha:

1. U akkuzat talli nhar il-10 ta' Frar, 2014, ghall-habta tal-1 2:30 ta' wara nofsinhar, gewwa Xatt il-Barrieri fil-Belt Valletta, volontarjament ikkaguna, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri l-valur ta' 116.47 ewro izda ma tiskorrix l-valur ta' 1,164.69 ewro, ghad-dannu ta' *Sara Jane Zammit;*

2. Li bl-imgieba tieghu kkaguna lil *Sara Jane Zammit*, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza';

3. U aktar talli ngurja u/jew hedded lil martu *Sara Jane Zammit*, b'ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodici, anke jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

4. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

5. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkunsidra lil Josef Mizzi bhala recidiv.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom att mill-estratt tat-twelid a fol. 6, fedina penali a fol. 7 u 8 u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta'

Frar, 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja li jinsab a fol. 9 tal-process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Illi nhar id-19 ta' Gunju, 2014 xehdet **Sarah Jane Zammit** u spjegat li fl-ghaxra (10) ta' Frar, 2014 ghall-habta tan-nofs siegha hija kienet gejja min-naha tal-Pixkerija tal-Belt u dan billi kienet qed issuq vettura taghha tal-ghamla Toyota Yaris, numru ta' registrazzjoni ABS632. Maghha kellha passigier li jismu Julian Vella.

Kif qabzet ir-*roundabout* sabet lis-Sur Mizzi li qed taghraf prezenti fl-Awla bhala l-imputat odjern, dana kien wieqaf u li kien qed jimblokka zewg *lanes.* Huwa kien fil-vettura tieghu li kienet wieqfa minghajr *brake lights* ta' xejn. Meta hija rat li ma ccaqlaqx paqpqet, bosta karozzi li kienu warajha bdew ipaqpu wkoll qabzet lis-Sur Mizzi min-naha ta' gewwa, paqpqilha u hi regghet paqpqitlu lura, baqghet ghaddejja ghall-affari taghha.

Sussegwentement rat lis-Sur Mizzi jsuq vicin hafna tal-karozza taghha, ipaqpaq u jirrejzja, beda jghid xi kliem pero' ma setghetx tisimghu, qabizha gie man-naha tad-*driver* taghha u beda jghidilha jistedinha biex tinzel mill-karozza. Sakkarha ma setghatx timxi aktar, nizel mill-karozza.

Naturalment meta rat hekk hija twerwret, l-ewwel haga li ghamlet sakkret il-bieba, ipprova jiftah in-naha tal-passigier fuq wara. Il-passiggier li kien maghha beda jghidilha biex taghti l-*first* biex jitilqu, tefghet fil-*first* u telqet. U meta s-Sur Mizzi ra li hija kienet ser titlaq ta daqqa ta’ ponn fuq il-bieba ta’ wara.

Spjegat li effettivament hija marret ghamlet stima tal-hsarat li kellha fil-karozza taghha u ghaddiet din l-istima lill-Pulizija. Spjegat li effettivament bhala hsara tahseb li kien hemm xi madwar tmin mitt euro (€800).

Mistoqsija jekk hija tafx lis-Sur Mizzi, spjegat li le ma tafux. Effettivament wara saret taf li s-Sur Mizzi jghix fil-vicin taghha u ghalhekk ratu.

Spjegat li wara li telqet minn fuq il-post hija marret tirraporta dan l-incident lill-Pulizija u marret l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta.

Qed tesebixxi kopja ta’ din l-istima li l-Qorti qed timmarka bhala dokument CSH.

Illi nhar id-19 ta’ Gunju, 2014 xehed **Julian Vella** u spjega li jiftakar fl-ghaxra (10) ta’ Frar, 2014 ghall-habta tan-nofs siegha ta’ wara nofsinhar

huwa kien rikeb fil-vettura flimkien ma’ Sarah Jane Zammit, kienu sejrin fid-direzzjoni tal-Pixkerija, il-Belt Valletta.

F’daqqa u l-hin x’hin huma jaqbdu ir-*roundabout* biex immorru propju fejn il-Pixkerija sabu karozza li kienet qed tokkupa zewg *lanes* u spjega li nhasdu ftit u t-tfajla tieghu fil-fatt paqpiqtlu l-*horn.* Spjega li effettivament is-sewwieq ta’ din il-vettura paqpaq lura, regghu paqpqu huma u baqghu mixjin.

Spjega li fil-fatt l-imputat odjern huwa s-sewwieq ta’ din il-karozza li kien rikeb fil-vettura tal-ghamla Citroen. Huma baqghu mixjin ghan-numru ta’ sekondi, raw karozza li avvicinathom hafna minn wara u fil-hin u l-mument qabzet fuq genb fuq naha biex tipprova ssakarhom. Spjegat li ma kienx hemm aktar minn fejn tghaddi u kieku baqghu mixjin kienu jaghmlu hsara lil xulxin u ghalhekk waqfu. Is-Sur Mizzi hareg mill-karozza tieghu u beda jipprova jiftah l-vettura taghhom ghaliex meta huma rawh hiereg mill-karozza huma sakkru l-karozza taghhom u x’hin sab il-vettura taghhom imsakkra tah daqqa fil-bieba ta’ wara fuq in-naha tal-passiggier. Peress li huma kienu weqfin setghu jiskapulaw il-karozza tieghu u telqu dirett l-Ghassa tal-Belt propju dak il-hin u ghamlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt.

Illi nhar is-7 ta’ Ottubru, 2014 xehed **l-Ispettur Godwin Scerri** u spjega li wara rapport li rcevew fl-ghaxra (10) ta' Frar, tal-elfejn u erbatax (2014) nhar id-dsatax (19) ta' Frar, elfejn u erbatax (2014) huwa baghat ghas-Sur Josef Mizzi li qieghed jaghrfu u qieghed prezenti fl-Awla fejn staqsih rigward l-allegat incident li kien gie rrappurtat. Qabel ma bdiet din l-

investigazzjoni huwa rrinunzja ghad-dritt tal-parir legali u ghazel li ma jkellimx avukat. Dakinhar hadlu stqarrija li qed jipprezentaha hawnhekk. Il-Qorti mmarkat dawn iz-zewg (2) dokumenti bhala dokument GS u GS1. Huwa pprezenta ukoll tlett (3) ritratti tal-hsarat li allegatament saru minn Josef Mizzi. Il-Qorti spjegat li qed jigi mmarkat bhala dokument GS3 komplessivament. Ipprezenta rapport li kien ittiehed mill-Ex Surgent 1417 Stephen Tarpey li llum ma jistax jipprezentah hu peress li ma ghadux maghhom. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dokument GS4.

Illi nhar is-7 ta' Ottubru, 2014 xehed **Joseph Vella** u spjega li fil-fatt jahdem bhala surveyor. Fil-fatt kienet marret ghandu s-Sinjura kunjomha Zammit u gabitlu biex jezamina l-karozza taghha. Din il-karozza fil-fatt kienet tal-ghamla Toyota Yaris Numru tar-Registrazzjoni ABX-632 u spjega li effettivament din il-karozza kellha xi hsarat. Spjega li l-hsarat fuq din il-vettura kienu hsara fil-bieba ta' wara fuq in-naha tax-xellug. Huwa fil-fatt stima din il-hsara fl-ammont ta' tmin mija, tnejn u tmenin ewro u tletin centezmu (882.30) u dawn rigward *parts* u *labour*. Qed jesebixxi d-dokument mahrug ghal din il-fini. Qed issirlu referenza ghad-dokument esebit fl-atti a fol. tlettax (13) u spjega illi fil-fatt dan id-dokument huwa mahrug minnu.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami spjega li huwa jahdem mas-Socjeta' Michael Debono Limited. Il-hsarat kienu daqqa fuq in-naha tax-xellug tal-bieba ta' wara. Spjega li jrid isir xoghol fuq il-bieba ta' quddiem peress li jrid ikun hemm *matching* tal-kulur peress li l-bieba ta' wara trid tinbidel. Il-kulur tal-karozza huwa griz *metallic*. Fil-fatt fuq

dan ir-rapport stess hemm il-kelma *blend* cioe' biex ikun hemm qbil fil-kulur. Bhala daqqa l-bieba ta' quddiem ma tmissitx u fil-fatt mhux se jkun hemm *repairs* fuqha.

*Quarter protector* huwa *adhesive sticker* li tehel mal-*wing* ta' wara, trid tinqala' minn mal-bieba minhabba l-ispray u trid terga' titpogga u fil-fatt ma tistax tintuza l-istess wahda ghaliex fil-fatt hija *sticker*. Il-*cover door service* huwa *plastic sheet* bejn il-bieba u l-*upholstery* ta' gewwa ghaliex il-bieba se tigi mibdula. Mistoqsi x'jirrapprezenta l-ammont ta' 309.12 euros spjega li din hija l-bdil tal-bieba ta' wara bhala *part*.

Illi nhar is-27 ta’ Novembru, 2014 xehed **George Stagno Navarra** u spjega li huwa hemmhekk qed jixhed ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Elmo Insurance. Gie mitlub sabiex jaghti nformazzjoni dwar il-vettura tal-ghamla Toyota Yaris numru tar-registrazzjoni ABX-632 u spjega li din il-vettura fl-ghaxra (10) ta' Frar, *two thousand and fourteen* (2014) kienet registrata f'isem Stephanie Zammit u ilha assigurata maghhom mill-hamsa (5) ta' Frar, *two thousand and thirteen* (2013) u din il-polza giet imgedda b'mod regolari u ghadha fis-sehh sa Jannar, *two thousand and fifteen* (2015).

Qed jesebixxi dokument ai fini ta' din l-investigazzjoni li ghamel li qed jigi mmarkat bhala dokument Z. Spjega li effettivament ma sar l-ebda *claim* minn Stephanie Zammit in konnessjoni ma' xi ncident u dan kif jirrizulta mid-dokument li qed jesebixxi prezenzjalment u qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z1.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta’ Frar 2015 l-imputat talab li jsir *social inquiry report*.

Il-Qorti laqghat it-talba u ordnat lid-Direttur tal-Probation u Parole sabiex jinnomina Probation Officer sabiex ihejji dan ir-rapport.

Illi nhar it-12 ta’ Marzu, 2015 xehed il-Probation Officer **Dorian Cornelius** u spjega li huwa kien gie mitlub sabiex ihejji Social Inquiry Report fuq l-imputat Josef Mizzi li qed jaghraf prezenti fl-Awla. Illum huwa jinsab f'posizzjoni li jesebixxi r-relazzjoni tieghu. Qed jghaddi kopja tal-istess lill-imputat u jhalli kopja ghall-Prosekuzzjoni.

Rat is-*Social Inquiry Report* li gie pprezentat mill-Probation Officer Dorian Cornelius fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*“Josef Mizzi jinsab akkuzat li fl-10 ta’ Frar 2015, volontarjament ikkaguna, hassar, kew gharraq hwejjeg haddiehor, filwaqt li kakguna lil Sara Jane Zammit biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha, ingurja jew hedded lil Sara Jane Zammit, b’ingurji jew theddid, kif ukoll volontarjament kiser il-bon ordni.*

*Minn informazzjoni migbura jidher li Josef Mizzi trabba f’familja tipika ta’ sitt min-nies. Jidher li l-imputat dejjem kellu relazzjoni tajba mal-*

*ġenituri tiegħu kif ukoll ma' ħutu, fejn qatt ma kien hemm problemi partikolari.*

*L-imputat għandu tliet ulied fejn wara li żżewweġ adotta lil Tenille, it-tifla tal-mara. Josef Mizzi jsostni li jiddedika ħafna mill-ħin meta jkun id-dar sabiex ikun fil-kumpanija tat-tfal tiegħu. Hu jsostni li jipprova jagħtihom l-għajnuna bl-aħjar mod possibbli.*

*Fir-rigward tal-aspett tax-xogħol jirriżulta li mis-sena 1990 sal-lum il-ġurnata Josef Mizzi kellu xogħol regolarizzat. Skont ir-rekords maħruġa mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ għal dawn l-aħħar għoxrin sena l-imputat kellu impjieg għal rasu.*

*Jirriżulta li l-ikkonċernat qatt ma għamel abbuż mid-droga. Minn dak li sostna l-imputat kif ukoll minn informazzjoni miġbura minn aġenziji li joffru servizzi għal kontra l-abbuż tad-droga, jirriżulta li l-ikkonċernat qatt ma għamel użu minn dawn is-servizzi. Testijiet tal-urina li saru ġewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti.*

*Ħarsa lejn il-Fedina Penali tal-imputat, wieħed jinnota li din mhix waħda netta. Din mhix l-ewwel darba li Josef Mizzi qed ikun involut mal-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali. Fil-passat tressaq il-Qorti fuq każijiet relatati ma' ksur tal-paċi pubblika, kif ukoll talli naqas li jagħti l-irċevuta tal-VAT.*

*L-imputat attenda ghall-appuntamenti kollha moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation. Huwa dejjem ikkoopera waqt dawn is-sessjonijiet."*

Il-Qorti semghet lill-Ufficjal Prosekutur u lill-Avukat Difensur jaqblu dwar kif ghandha titratta mal-imputat f'dan il-kaz una volta din il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tar-reati kif moghtija fil-konfront tieghu u cioe' li l-partijiet stiednu lill-Qorti biex tapplika l-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat illi l-imputat ghandu registrat fuq il-fedina penali tieghu tlett (3) *convictions*, tnejn minnhom in konnessjoni mal-Ordinanza tal-VAT fejn gie kkundannat ihallas multa u reat iehor li sehh fis-sena elfejn u disgha (2009) fejn kien inghata *conditional discharge*.

Rat ukoll dak li qal il-Probation Officer u cioe' illi l-imputat dejjem ikkoopera mieghu u attenda ghal kull laqgha li giet iffissata minnu.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikolu 49, 50, 251B, 325(1)(b), 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, <u>il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat JOSEF MIZZI hati tal-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni sabiex ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn (2) u dan ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------